Minuti tal-Laqgħa Nru. 42 tas-Seba' Kunsill Lokali ta' Ħal Luqa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, 173, Triq il-Ġdida, Luqa, nhar it-Tlieta 20 ta' Novembru 2018 fl-5.30 p.m.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | il-Membri |
| Sindku | Is-Sur. John Schembri |
| Il-Kunsilliera | Is-Sra. Denise Cutajar<br>Is-Sur. Victor Caruana<br>Is-Sur. Eric Camilleri<br>Is-Sinjura. Lucia Massa<br>Is-Sur Kearon Bruno<br>Is-Sinjura Elaine Camilleri Schembri |
| Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur. Michael Portelli |

---

## AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti Mqajjma mill-Minuti
3. Korrispondenza
4. Miżura 4.3, Aċċessibilta għall Bdiewa
5. Tender ta' Triq il-Karmnu
6. Bus Shelters
7. Ħarġa għall Għawdex u Party tal-Milied
8. Approvazzjoni tal-Ħlasijiet
9. Aġġornament

## 1.0 QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Ma kienx hemm korezzjonijiet. Il-minuti kienu proposti mill-Kunsilliera Lucia Massa u sekondati mill-Viċi Sindku.

## 2.0 PUNTI MQAJJMA MILL-MINUTI

2.1 Ma kienx hemm punti imqajjma mill-minuti.

## 3.0 KORRISPONDENZA

3.1 Il-Kunsillier Caruana qal li hemm 4 bozoz maqtugħa min-niċċa ta' Sant' Andrija. Is-Segretarju qallu li se jibgħatlu l-ħaddiema biex ibidluhom.

3.2 Il-Kunsillier Caruana qal li hemm arblu tat-tabelli tal-ħinijiet maġenb l-Iskola li kien mgħawweġ sabiex il-ħaddiema tal-Kunsill jirranġawh.

3.3 Il-Kunsillier Caruana qal li hemm xi ħaxix minn fejn hemm il-Każin tan-Nazzjonalisti biex dan jinqata.

3.4 Il-Kunsilliera Massa qalet li hemm toqba maġenb tappieri fejn hemm il-Maltapost, Triq id-9 t' April li ma kinitx imsewwija. Is-Segretarju qal li huwa din kien irrapurtaha lil WSC u kien ser jerġa jfakkarhom.

3.5 Il-Kunsillier Caruana qal li kien kellmu Bonnett biex maġenbu issir bozza billi kien hemm ħafna dlam fl-imwarrab. Is-Sindku qallu li hawnhekk diġà twaħħlet bozza u dan allura kien qed jitlob biex issir bozza aktar fil-viċin peress li kienet il-bogħod.

3.6 Is-Sindku tkellem fuq il-familja Theuma li kienu ġarrbu d-disgrazzja tal-ħruq tar-residenza tagħhom s-Sibt tal-ġimgħa preċedenti fejn huwa qal li kien anki appella fuq il-media biex tingħatalhom għajnuna speċjalment finanzjarja. Huwa semma li diġà għamel kuntatt mal-Bank biex dawn jinfetħilhom kont bankarju biex minn ikun jixtieq jagħti jkun aktar komdu. Il-Kunsilliera preżenti qablu ma din il-proposta.

3.7 Is-Segretarju qara email rigward talba li saret biex jinġabru fondi għall MCCF biex minn huwa interessat ikun jista jaghmel one time payment.

3.8 Is-Segretarju qara stedina li waslet mill-AKL fuq ir-reċiviment li ser issir fl-okkażżjoni tal-Milied fejn kienu mistednin il-Kunsilliera flimkien mal-istaff tal-Kunsill.

3.9 Is-Segretarju ressaq talba formali lil Kunsill Lokali biex jkun jista jġedded il-vacation leave minn din is-sena għad dieħla. Huwa qal li minħabba li kien hemm diversi impenji u ma setax

jieħu l-leave u kien diġà ġedded mis-sena l-oħra għall din is-sena, kien se jġedded 160 siegħa għas sena d-dieħla. Il-Kunsill Lokali approva din it-talba.

3.10 Is-Sindku semma li bħala Kunsill applikajna għall skema apposta li biha jista jsir outdoor gym. Huwa qal li dan se jsir fil-Family Park peress li fil-Bandli m' hemmx spazju. Huwa qal li l-quddiem nistgħu napplikaw għall art li hemm maġenb Triq il-Ġdida.

3.11 Is-Segretarju qal li huwa kien bagħat il-proposta tal-Kunsill Lokali għall ġbir tal-iskart biex it-Tlieta tiġi l-borża tar-riċiklaġġ u l-Ħamis tiġi l-borża s-sewda. Huwa qal li xorta waħda irid jistenna li jkun hemm it-tibdil tal-Legal Notice biex din il-proposta tkun approvata.

3.12 Il-Viċi Sindku qalet li hemm ħafna ħaxix it-Triq tal-Airport biex dan jinqata. Is-Segretarju qal li huwa se jgħaddi l-ilment lil Transport Malta.

## 4.0 MIŻURA 4.3, AĊĊESSIBILTA GĦALL BDIEWA

4.1 Is-Sindku semma li x-xogħol relatat ma din il-Miżura jista jibda fil-bidu ta Diċembru.

4.2 Is-Sindku qara r-rakkomandazzjoni li kien hemm minn naħa tal-Bord tal-Evalwazzjoni, fejn kien qed jiġi suġġerriet li peress li kien hemm offerent wieħed li kien jissodisfa l-kriterji mitluba, allura jintgħażel dan il-kuntrattur (Rockcut Ltd). Il-Kunsilliera preżenti qablu unanimament ma dan ir-rapport.

## 5.0 WATER CULVERTS TA' TRIQ IL-KARMNU

5.1 Is-Sindku semma li rigward il-water culverts kien inħareġ it-tender u dan kien se jagħlaq fit-3 ta' Diċembru. Minn hemmhekk ikun jista jinbeda x-xogħol.

5.2 Il-Kunsillier Caruana saqsa jekk fuq il-water culverts ta' Triq il-Karmnu, għandniex nikkonsidraw ukoll li jsiru xi kanali fi Triq G Tragance. Is-Sindku semma li l-Perit hawnhekk kien qed jikkonsidra li jsiru xi catchments apposta fejn l-ilma jinġabar u jintilef. Il-Kunsillier Caruana saqsa lis-Sindku jekk il-Perit ikkunsidrax li f' din iż-żona kien hawn ukoll xi kantini.

5.3 Is-Sindku qal li dawn il-catchements kienu ġew ipprovatti fiż-Żejtun, Triq iċ-Ċawsli u kienu effettivi. Huwa qal li se jkun qed jiddiskuti aktar mal-Perit.

## 6.0 BUS SHELTERS

6.1 Is-Sindku qal li fuq il-bus shelters kellna nerġgħu napplikaw kollox mill-ġdid. Huwa qal li saru d-DNO's bil mod kif se jkunu imqassmin il-bus shelters.

## 7.0 ĦARĠA GĦALL GĦAWDEX U PARTY TAL-MILIED

7.1 Is-Sindku qal li ser issir ħarġa għall Għawdex fl-okkażżjoni tal-festa ta' Sant' Andrija tal-Fontana huwa qal li ser inżuru Ta' Pinu, r-Rabat, Christmas Market, ix-Xlendi u fl-aħħar għall Quddiesa tal-Festa.

7.2 Is-Sindku semma li l-ikla tal-istaff ser issir fis-16 ta' Diċembru ġewwa s-Seashells.

**8.0 APPROVAZZJONI TA' ĦLASIJIET**

8.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet fuq ħlasijiet.

**9.0 AĠĠORNAMENT**

Il-laqgħa ġiet fi tmiemha it-Tlieta 20 ta' Novembru 2018 fis-6.30 pm. Kien hemm id-data tas-7 ta' Diċembru proposta għall laqgħa li jmiss.

Konfermati llum ________________________2018.

______________________ John Schembri
Sindku

______________________ Michael Portelli
Segretarju Eżekuttiv